## IEQAF u AĦSEB

### HUWA Ġie Fostna

Huwa ġie ...
Twieled fi stalla umli, f'belt kwieta.
Twieled lil ġenituri maħluqa fuq ix-xbieha tiegħu,
f'dinja magħmula minnu.

Huwa ġie ...
Għal dawk li huma foqra,
għal dawk li jimxu warajh,
għal dawk li qed ifittxu,

Huwa jiġi ...
Għalina maħluqa xbieha tiegħu
Għalina, jekk inkunu foqra fl-ispirtu
Għalina, jekk nimxu warajh
Għalina, jekk infittxuh

Huwa jiġi ...
Għal kull min jagħmillu l-wisa' f'qalbu!

Jekk nifttħulu d-dar tagħna b'rispett,
u ma niċħdux il-preżenza tiegħu li tqanqalna,
'Ġesù Bambin' għandu x'joffrilna xi ħaġa straordinarja:
is-sens tsl-ħajja,
il-gost tal-essenzjal,
it-togħma tal-affarijiet sempliċi,
il-ferħ tas-servizz u l-qadi,
l-istagħġib tal-vera ħelsien,
ir-rieda tal-impenn.
Hu biss jista' jieqaf lill-qalbna
imwebbsa mill-qrusa u mid-delużjonijiet,
u jimlina b'tama ġdida.

*Awguri tal-Milied minn Don Tonino Bello*



**Ingħaqdu fiż-Żwieġ**
Adrian Camilleri u Dr Giannella Busuttil LLD
Mario Dalli u Caroliza Buttiġieġ



***Daħlu fil-ħajja ta' dejjem***
Jason Sciberras

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270*



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## ITMA' LIL MIN HU BIL-ĠUĦ

Skont ix-xewqa tal-Papa Franġisku u fuq stedina tiegħu stess, sabiex nifhmu u ngħixu aħjar is-Sena Mqaddsa tal-Ġublew tal-Ħniena li ser tibda tul dan ix-xahar ta' Diċembru – eżattament nhar it-Tlieta 8 ta' Diċembru, solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni – matul ix-xhur li ġejjin ser nippruvaw insiru aktar familjari mal-Opri tal-Ħniena. Għaldaqstant matul dan ix-xahar ser nirriflettu fuq waħda mill-aktar opri li nqisu ovvji għax hi tassew essenzjali, imma li tant ninnutaw żbilanċ madwarna fejn jidħol dan l-aspett: ***li wieħed jitma' lil min hu bil-ġuħ***. Fid-dawl tal-ġrajja tal-Milied, ejjew nintebħu li dan id-dmir jgħinna nagħrfu li l-ikel hu essenzjali biex wieħed jgħix, jikber, u jiżviluppa l-potenzjal tiegħu.

### Ġest li mhuwiex għażla imma obbligu għan-Nisrani

Kristu stess tkellem diversi drabi dwar dan il-ġest: fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u l-ħut (Ġw 6) miraklu li seħħ ukoll fil-kuntest ta' frasi li qalha b'insistenza lid-dixxipli tiegħu: *"Agħtuhom intom x'jieklu!"* (Lq 9: 13). Tkellem dwar il-ħtieġa li wieħed jagħti każ il-bżonnijiet ta' ħuh fil-bżonn fil-parabbola tal-Għani u Lażżru (ara Luqa 16: 19-31); Lażżru il-fqir li ġismu kien ġerħa waħda, mejjet bil-ġuħ li jmur ħdejn il-bieb tad-dar tal-għani, bix-xewqa li jixba' b'dak li jaqa' mill-mejda tal-għani. Irrefera wkoll għal din l-azzjoni meta tkellem dwar il-ġudizzju finali (Mt 25: 35), u jisħaq li dan il-ġest hu essenzjali biex aħna ngħixu ta' veru nsara: jien u int bħala nsara ma nistgħux nagħlqu għajnejna għat-tipi differenti ta' faqar. Fi kliem Papa Franġisku, nisrani veru ma jibqax imfakkar għal kemm kellu flus, poter, propjetà jew kemm kien imlaħħaq fis-soċjetà imma għal x'għamel bil-ġid misluf lilu minn Alla. Li tkun Nisrani jfisser li nużaw ir-riżorsi kollha tagħna, talenti, flus, setgħa u l-kumplament biex nissieltu għal soċjetà ġusta u ma nkunux għomja u torox għal min qiegħed ibati, kif sfortunatament irridu nammettu li jiġrilna ta' spiss minħabba li dawn l-istess ġid u prosperità li ħafna minna jgawdu jispiċċaw jaljenawna mill-fatt li hawn oħrajn li, kif jgħid il-Malti, jispiċċaw ma jkollhomx għaxja ta' lejla.

### Ġest ta' Ħniena li aktar milli hu risposta għal kawża speċifika, hu mezz biex jintlaħaq l-għan speċifiku ta' Ħajja dinjituża

Jekk nippruvaw naraw il-fatti li tipprovdilna l-istatistika, b'mod speċjali tal-WHO (World Health Organization), jew inkella nmorru aktar lil hinn billli noqgħodu nfittxu l-kawża eżatta għal dan il-ġuħ, żgur li nispiċċaw insibu diversi kawżi u raġunijiet, imma persważ li fl-aħħar mill-aħħar xorta ma jissodifawniex: hawn min m'għandhux x'jiekol għax ma jaħdimx u ma jistax issib xogħol, hawn min minħabba l-limitazzjonijiet li jpoġġilu f'ħajtu l-mard, hawn min minħabba deċiżjonijiet żbaljati jew t-traskuraġni, min minħabba diżgrazzji, u min minħabba li jispiċċa vittma ta' xi vizzju li jirvinalu ħajtu, eċċ. . Nistgħu nibqgħu insemmu aktar imma jkollna nammettu wkoll li hawn min ikollu jgħix fil-ġuħ jew nutrizzjoni ħażina anke minħabba l-ħela ta' persuni oħra li mhux biss jieklu b'mod eċċessiv imma jispiċċaw jaħlu u jarmu bl-addoċċ, u hekk jaħlu r-riżorsi tal-ġid li bħala bnedmin imsejjħin biex naqsmu u nipprovdu lil xulxin. Hekk il-ġest li wieħed jgħin

*ikompli f'paġna 2*

u jitma' lil min hu bil-ġuħ isir mezz ta' kif wieħed jipprovdi għixien u kura, jieħu ħsieb u jkabbar, u għaldaqstant iħossu responsabbli għal ħajja tal-bnedmin ta' madwaru, speċjalment ta' dawk li huma dgħajfin. Bħal Alla u f'ismu nuru li l-ħajja tassew tiswa'.

**Fil-prattika għal dan ix-xahar**

Biex nifhmu aħjar il-ġuħ u napprezzaw aktar id-don tal-ikel u l-għixien, u l-qawwa ta' din l-opra:

- Ta' min insumu minn / naqbżu ikla biex għal mument nesperjenzaw x'ifisser il-ġuħ, li wieħed jixtieq jimla żaqqu u m'għandhux biex.
- Ta' min nagħmlu ikla sempliċi ħafna biex napprezzaw x'ikel jieklu ħutna l-foqra, speċjalment f'pajjiżi li ma tantx huma żviluppati; xejn xejn nuru wkoll sens ta' qies f'ħajjitna u nuru solidarjetà magħhom fis-sitwazzjoni tagħhom.
- Ta' min nagħtu donazzjoni ta' *preserves* u ikel nutrittiv lil persuni li għandhom bżonn kif ukoll xi istituzzjoni li tieħu ħsieb tipprovdi kura u għixien lil dawn it-tip ta' nies. *Bħala parroċċa, fil-jiem tan-Novena, inqiegħdu xi qfief biex fihom niġbru affarijiet ta' dan it-tip.* Hekk nuru responsabbiltà u għajnuna konkreta għal dawk li qegħdin f'dan il-bżonn.
- Ta' min inżommu l-qies u l-moderazzjoni fir-rigali li nagħtu lill-għeżież familjari u ħbieb tagħna, speċjalment fejn jidħol ikel, xorb u ħlewwiet, biex ma jkollniex iffangar u lanqas ħela ta' ikel f'dawn iż-żminijiet ta' festi. Naħseb li mhux l-ewwel darba li tant naqilgħu affarijiet li jew infittxu li nerġgħu nagħtuhom rigali jew inkella nispiċċaw narmuhom għax jiskadu.
- Ta' min nersqu aktar lejn Ġesù Ewkaristija, il-Ħobż ħaj li niżel mis-sema u li jingħata għalina f'kull quddiesa, biex niġu aktar konxji li Hu ser jgħinnha fl-isforzi tagħna ħalli din is-sempliċità u l-essenzjal tal-ħajja li hu stess jenfasizza bil-ġrajja tat-twelid tiegħu – ġrajja li ser inkunu qed niċċelebraw f'dawn iż-żminijiet – tkun ta' ispirazzjoni u tgħallimna ngħixu f'rispett sħiħ u armonjuż lejH, lejn xulxin u lejna nfusna.

Jalla Ġesù Bambin, imwieled u mqiegħed f'maxtura – il-post tal-ikel tal-annimali – u kkurat minn Ommu Marija u San Ġużepp, jgħinna nixtarru sew dawn ir-riflessjonijiet ħalli bil-ġesti tagħna tassew ngħinnu lil dawk li jenħtieġu ħa jkollhom xi ħaġa x'jogħmodu f'dawn iż-żminjiet!

***Dun David Farrugia***

# Id-Djarju tal-Parroċċa – Diċembru 2015

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 6 ta' Diċembru | **It-Tieni Ħadd tal-Avvent** |
| It-Tlieta 8 ta' Diċembru | **Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni**<br>**Ftuħ tas-Sena Mqaddsa straordinarja: Ġublew tal-Ħniena.**<br>Il-ħin tal-Quddies ikun bħal dak ta' matul il-ġimgħa. |
| L-Erbgħa 9 ta' Diċembru | Mis-7:00 sat-8:00pm – Mument ta' Talb stil Taizé biex jgħinna ngħixu l-ispirtu tal-Avvent u nippreparaw ruħna sew għall-Milied, il-Ħniena t'Alla li tidher fostna fi Kristu Ġesù. |





| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd 13 ta' Diċembru | **It-Tielet Ħadd tal-Avvent**<br>Ċelebrazzjoni tal-ftuħ tal-Bieb tal-Katidral tal-Imdina, bħala sinjal tal-Ħniena li Alla jistedinna għaliha. | |
| It-Tlieta 15 ta' Diċembru | **Tibda n-Novena tal-Milied**<br>Matul in-Novena, r-Ružarju jibda fis-6:00pm u wara jkollna ħsieb tan-novena u l-Barka Sagramentali.<br>F'dawn il-jiem inqiegħdu xi qfief biex fihom niġbru affarijiet għal persuni fil-bżonn u istituti. | |
| Il-Ħamis 17 ta' Diċembru | Fis-7:15pm – | Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Is-Sibt 19 ta' Diċembru | Fil-5:00pm – | Qrar bi preparazzjoni għall-Milied. |
| Il-Ħadd 20 ta' Diċembru | **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent** | |
| | Fit-8:15am – | Il-Quddiesa tkun bit-tberik tal-Bambini. Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa u jġibu xi Bambin magħhom. |
| Il-Ħamis 24 ta' Diċembru | **Lejliet il-Milied** | |
| | Fil-5:00pm – | Qrar |
| | Fis-6:00pm – | Tibda il-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin organizzata mill-membri tal-MUSEUM, li tgħaddi minn diversi toroq tar-raħal tagħna. |
| | Fis-6:30pm – | Quddiesa tal-Vġili tal-Milied |
| | Fil-11:00pm – | Pageant u Kant tal-Milied. |
| | Fil-11:45pm – | Purċissjoni bix-xbieha ta' **Ġesù Bambin** li titqiegħed fuq l-altar għall-qima tagħna, u Priedka tat-Tifel. |
| | F'12:00am – | Quddiesa Solenni tal-Lejl tal-Milied. |
| Il-Ġimgħa 25 ta' Diċembru | **Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu**<br>Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dawk ta' nhar ta' Ħadd. | |
| Il-Ħadd 27 ta' Diċembru | **Festa tas-Sagra Familja** | |
| | Fl-10:00am – | Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija organizzata mill-Kummissjoni Familja u l-Grupp tal-Koppji Miżżewġa. |
| | Fis-6:30pm – | Kunċert tal-Milied mill-Kor 'Sine Macula' fil-Knisja Parrokkjali. |
| Il-Ħamis 31 ta' Diċembru | **L-Aħħar tas-Sena** | |
| | Fis-6:00pm – | Rużarju |
| | Fis-6:30pm – | Quddiesa bis-sehem tal-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, fl-għeluq ta' din is-sena ċivili, 2015. u tintemm bil-barka Sagramentali. Il-Ġabra tkun għad-Dar tal-Providenza. |